MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 310/2006

**Atlas Insurance Limited (C15239) de proprio kif ukoll surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Bugeja Brothers Limited**

**vs**

**MMS Limited agent tas-socjeta' estera Star War Shipping, Kingston armatur u/jew nolegjattur ra l-bastiment MV Mika u The Cargo Handling Co. Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tas-socjetajiet konvenuti (jew min minnhom) ghal risarciment ta' danni fl-ammont komplessiv ta' tmien mija u tnejn u sittin Lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (LM862.42) in kwantu ghal tmien mija u tnax Lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (LM812.42) li sborsat a favur l-

assikurat taghha Bugeja Brothers Limited bhala indennizz (ghal liema hlas is-socjeta’ attrici kienet debitament surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha) u in kwantu ghal hamsin Lira Maltin (LM50.00) li sborsat bhala ‘survey fees’ u dan wara li s-socjeta’ assikurata garrbet nuqqas ta’ *bundle* wiehed injam minn konsenja ta’ tmienja u erbghin (48) ‘*bundle*’ li wasslu Malta fil-25 ta’ April, 2005 fuq il-bastiment ‘MV Mika’ ghall-liema nuqqas kienu responsabbli s-socjetajiet konvenuti – jew min minnhom.

Oltre d-danni, is-socjetajiet konvenuti (jew min minnhom) ghandhom ihallsu l-ispejjez tal-kawza flimkien mal-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-avviz sad-data tal-effetiv pagament.

Ra r-Risposta tas-socjeta’ konvenuta MMS Limited fejn gie sollevat illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante lli s-socjeta’ esponenti mhijiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-atturi stante li hija qdiet l-obbligu taghha kif jirrizulta mill-fatt illi l-merkanzija tas-socjeta’ Bugeja Brothers Limited wasslet Malta minghajr nuqqasijiet u nhattet minn fuq il-vapur fl-intier taghha kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijet ohra.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta The Cargo Handling Co Limited fejn gie sollevat illi jinkombi fuq is-socjeta’ attrici li tipprova li l-allegat nuqqasijiet sehhew waqt li l-merkanzija ‘de quo’ kienet taht il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta’ eccipjenti u li l-istess merkanzija giet konsenjata lilha minghajr l-istess nuqqasijiet;

Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;

Salv eccezzjonijet ohra.

Sema’ x-xhieda ta’ John Bugeja, Ronald Galea u Dr J Zammit Mc Keon.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-Atti tal-kawza;

Sema’ t-trattazjoni tas-socjeta’ attrici u tas-socjeta’ konvenuta MMS Limited.

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza tirrigwarda nuqqas ta’ konsenja effettiva lil Bugeja Brothers Limited ta’ ‘*bundle*’ wiehed injam, minn kunsenja ta’ tmienja u erbghin 48 ‘*bundle*’ wara li dawn wasslu lejn Malta fil-25 ta’ April, 2005 fuq il ‘MV Mika,’ u li ghal dan in-nuqqas kienu responsabbli s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom.

Illi skond ix-xhieda ta’ John Bugeja, Direttur tas-socjeta’ assigurata mis-socjeta’ attrici, din il-konsenja ta’ tmienja u erbghin 48 bundle gew mghobbija fuq il-MV MIKA li hija rapprezentata mis-socjeta’ konvenuta MMS Limited bhala agenti. Dan jghid illi meta dawn gew biex jirtiraw il-merkanzija sabu li kien hemm *bundle* nieqes u minflok 48 *bundle* ircevew 47 *bundle*. Il-merkanzija kienet ittiehdet direttament mill-Cargo Handling Co Limited. Wara li Bugeja Brothers Ltd kienu saru jafu b’dan in-nuqqas huma kienu kitbu lis-socjetajiet konvenuti biex izommuhom responsabbli ghal dan in-nuqqas. Iz-Zewg socjetajiet konvenuti kienu rrisponduhom b’ittra *standard* fejn huma ma kienux accettaw responsabbilita’ ghan-nuqqas ta’ konsejna. Bugeja Brothers Ltd kienu ghamlu l-investigazzjnijiet ma barra u irrizulta lli l-konsenja kienet regolari u kif ordnata. Bugeja Brothers sussegwenetment gew rizarciti mis-socjeta’ attrici.

Fix-xhieda ta’ Ronald Galea, jinghad illi bhala MMS Limited huma kienu l-agenti tal-MV Mika u Star War Shipping, Kingston u kkonferma *n-notice of arrival* ta’ din il-konsenja skond document JB3. Skond id-dokument JB4 a fol. 31 u 32 inharrgu skond il-Gate Pass out 47 ‘*bundle*’ Austrian Pine. Skond *it-tally sheets* xoghol market ghal Bugeja Brothers kien ta’ 32 ‘*bundle*’ izda mix-xoghol li nhatt mill-MV Mika u skond il-cargo Manifest irrizultaw 16-il *bundle* ohra li t-*tally clerks* iddeducew li kienu ghal

Bugeja Brothers u dawn gew imnizzla bhala ‘No Marks’ fit-tally sheet mmarkati bhala RG1, RG2 u RG3. Izda effettivament itnizzlu minn abbord tlett *bundles* ohra zejda li ma kienux immarkati.

Illi skond id-dokumenti ezebiti jidher car illi skond it-tally sheets itnizzlu tieta u tletin *Bundle* immarkati Bugeja Brothers Limited u tmienja u ghoxrin *bundle* mnghajr marki mill-bastiment MV Mika. Ghalhekk minn ‘*ship sa rail’ il-bundles* kollha kif ukoll tlett *bundles* zejda gew konsenjati lil The Cargo Handling Co Ltd. Wara li merkanzija telqet *mir-rail* minn fuq il-moll il-merkanzija ghaddiet taht ir-responsabbilita’ tas-socjeta’ konvenuta The Cargo Handling Co Limited li ghalkemm intavolat Risposta fl-Atti u ghalkemm dejjem imsejjha mit-Tribunal sabiex tidher quddiemu ghazlet li ma tidhirx quddiem dan it-Tribunal.

Illi mill-provi migjuba quddiem dan it-Tribunal jidhirlu illi s-socjeta’ konvenuta MMS Limited ippruvat illi kienet qdiet dmirijietha u skond id-dokumenti jidher illi l-*bundles* tal-injam kollha gew konsenjati kif ukoll tlieta zejda. Jidher ghalhekk illi il-*bundle* li sabet nieqsa s-socjeta’ Bugeja Brothers Limited giet nieqsa meta ix-xoghol/merjkanzija kien ghadda f’idejn il-Cargo Handling Co Limited.

Illi fil-fehma tat-Tribunal is-socjeta’ konvenuta The Cargo Handling Co Limited naqset milli tipprova il-kaz taghha.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, fil-waqt illi jichad l-eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta The Cargo Handling Co Limited u jikkundannaha thallas is-somma ta’ tmien mija tnejn u siitin Lira Maltin u tnejn u erbghin centezmi ( LM862.42) bl-imghaxijiet legali mid-datat tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez a karigu tas-socjeta’ konvenuta The Cargo Handling Co Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------